Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, it-23 ta' Novembru 2023

**Kump. Nru. 421/2015**

**Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Renald Barbara**
**(129981M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet kontra **Renald Barbara**, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 129981M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar is-16 ta' Frar 2015 u/jew fix-xhur ta' qabel, flimkien ma' persuna ohra, b`diversi atti maghmulin mill-istess persuni, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda:

1. Fil-lejl ta' bejn is-6 u 7 ta' Frar, 2015, mill-fond *Mealy's Snack Bar* fir Triq Santa Katarina, Attard ikkommetta serq ta' *cigarette vending machine*, kontenenti ghadd ta' pakketti tas-sigaretti u xi flus, *cash register* b'ammont ta' flus kontanti, u xi pakketti tas-sigarri, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta' Martin Fedele, tas-socjeta' Charles Grech&Co. Ltd u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita'/entitajiet ohra;

2. Fil-lejl ta' bejn it-2 u 3 ta' Frar, 2015, mill-fond *System Stationery* & *Bazaar,* fi Triq il-Kbira, Mosta ikkommetta serq ta' *cigarette vending machine*, kontenenti ghadd ta' pakketti tas-sigaretti u xi flus, xi flus kontanti mill-*cash register* u xi Vodafone

top-up cards, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta'Alexander Agius, tas-socjeta' British American Tobacco (Malta) Ltd, tas-socjeta J.N.M. Micallef (Ta' Karla) Ltd u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita'/entitajiet ohra;

3. Bejn id-29 u t-30 ta' Jannar, 2015, mill-kumpless zghir ta' kmamar rurali fi Trejqet Inzul ix-xemx, Dingli, ikkommetta serq ta' diversi ghodod agrikoli w ghadd t'affarijiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu ta' Neville Joseph Mallia u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita'/entitajiet ohra;

4. Fil-lejl ta' bejn it-26 u 27 ta' Jannar, 2015, mill-fond *Magpie Kiosk* fi Triq L-Gharreqin, Mdina ikkommetta serq ta' *cigarette vending machine*, kontenenti ghadd ta' pakketti tas-sigaretti u xi flus, xi flus liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu ta' Carmelo Mallia, tas-socjeta Interbrands Ltd, tas-socjeta JCC Vending Co Ltd u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita'/entitajiet ohra;

5. Fl-1 ta' Frar, 2015, u/jew fix-xhur ta' qabel, mill-fond ta' l-ex Chadwich Mushroom Farm Ltd, *f'Ghajn Hamiem*, limiti ta' l-Imdina, ikkommetta serq t'elettriku, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta'Korporazzjoni Enemalta Alexander Agius, tas-socjeta' Britisha American Tobacco (Malta) Ltd, tas-socjeta u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita'/entitajiet ohra;

6. Nhar l-20 ta' Frar 2015, ghall-habta tas-9.50am, gewwa ir-Rabat, ingurja jew hedded, jew ghamel l-offiza fuq il-persuna ta' PC944, Godwin Caruana, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-eskuzzjoni ta' dak iis-servizz.

7. Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta d'diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-Artikoli pprezentati fid-9 t'Awwissu 2017, (esebiti *a fol*. 505 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputata taht dak li hemm mahsub;

a. Fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 265, 267, 270, 278(1)(3), 279(b), 280(2), 281(a) u 18 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 261(b),(c), 263(a), 264, 265, 267,278(1)(2), 279(a), 280(2), u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 261(b),(c), 263(a), 264, 265, 267,278(1)(2), 279(a), 280(2), u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 95(1) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 49,50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 17, 23, 31, 49,50,289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-31 ta' Mejju 2018, wara li nqraw l-artikoli l-imputat wiegeb li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda kif ukoll rat ir-relazzjonijiet tad-diversi esperti li gew mahtura fl-inkjesti.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-24 ta' Settembru 2015, xehed Stephen Cachia[1] in raprezentanza ta' Transport Malta li ezebixxa Dok SC1[2] li juri li, l-vettura bin-numru KEL196 kienet registrata fuq Anthony Tanti ghan-nom ta' Topper Autodealer mid-9 ta' Lulju 2014.

Illi xehdet WPS 301, Lauren Vella[3] li hija stazzjonata l-ghassa ta' Birkirkara u ezebit rapport li gie mmarkat bhala Dok LV1[4]. Ix-xhud qalet illi fis-7 ta' Frar 2015, ghall habta ta' 5.00am kienu cemplu li kienet saret serqa mill-Mealy's gewwa Santa Katarina, Attard. Hi marret fuq il-post

1 Fol. 55
2 Fol. 57
3 Fol. 61
4 Fol. 63

max-xufier fejn sabet lis-sid, Martin Fedele, li qalilha li kif fetah, x'hin dahal gewwa sab it-tieqa tal-genb miftuha u l-magna tas-sigaretti nieqsa.

Illi xehed ukoll Anthony Tanti[5] fejn qal illi l-vettura bin-numru KAL 196, kienet irregistrata fuq ismu u li kien juzaha Renald Barbara, li gharaf fl-awla. Hu kien jaf lil Renald ghax gieli bieghlu xi karrozza. Ma kienx cert meta biegh din il-vettura lill-imputat, imma jahseb li fil-bidu tas-sena. Renald kien halla l-karrozza quddiem is-showroom ghax kienet bil-hsara u kienu haduha l-pulizija.

Illi xehed Neville Mallia[6], fejn qal illi ghandu post qalb l-ghelieqi l-Buskett fi Triq Inzul ix-Xemx, u meta mar sab il-grada miftuha u meta dahal fil-kamra sab li kien hemm sgass fit-tieqa. Sab hafna affarijiet neqsin mill-kamra li kienet armata b'kitchenette, fosthom heater, submersible pump, irrigation pump, cutlery, tapiti, crockery u equipment tal-kcina li l-valur taghhom kien ta' xi €1400. Hu kien ghamel rapport l-ghassa u wara xi xahar baghtu ghalih mill-ghassa u wrewh ritratti fejn gharaf xi affarijiet tieghu.

Illi fid-29 t Ottubru 2015, xehed l-iSpettur Nicholas Vella[7] li kkonferma li kien mar fuq il-post u kkonferma ukoll ir-rapport tieghu *a folio* 10 tal-proces verbal dwar serqa f'Mealy's Take Away, Triq Santa Katarina, Attard fis-7 ta' Frar 2015.

Illi xehed ukoll PC1074 Luke Stivala[8], fejn qal illi Natalie Chetcuti, li kienet lavranta, infurmatu li kien hemm is-shutter miftuh u hgiega tal-bieb mkissra, tal-hanut li jinsab f'Main Street, Mosta. X'hin marru fuq il-post sabu li kien hemm il-magna tas-sigaretti nieqsa u il-cash miftuha. Sid il-post qal illi kien hemm €80 nieqsa mill-cash. Kien hemm tlett Vodafone cards mhux attivi. Is-CCTV camera tal-hanut ma kienux qeghdin jahdmu. Ix-xhud ezebixxa rapport mmarkat Dok LS1.[9]

Illi xehed PC 30, Malcolm Cachia[10], fejn ipprezenta d-dettalji kollha tal-Kuntistabbli 944, Godwin Caruana li kien stazzjonat Rabat.

[5] Fol. 67
[6] Fol.70
[7] Fol.76
[8] Fol. 78
[9] Fol. 80
[10] Fol.84

Illi xehed PC 944 Godwin Caruana[11], fejn qal illi fl-20 ta' Frar kienu gabru lil Renald Barbara, li gharaf fl-awla, u kienu sejrin bih biex jigi interrogat fuq xi serqiet. Kif kienu fit-triq gew infurmati biex jehduh fuq il-post fejn kienu instabu xi affarijiet. Ix-xhud kompla jghid illi hu ghadda mill-iqsar triq mir-Rabat u Renald beda jidghi, jheddu u jordnalu biex ma jghaddix minn hemm, imma biex jghaddi mill-bypass tal-Mtarfa. Marru fuq il-post u regghu lura u ghaddew mill-istess post u l-imputat kompla jinsulentah u jheddu. Is-Surgent PS 1243 kien dahhal ir-rapport.

Illi xehed PS1243 Goerge Polidano[12] fejn qal illi fl-20 ta' Frar 2015, fl-9.50am l-iSpettur Edel Camilleri qaltilhom biex imorru ghal Renald Barbara li kien fl-isptar Mount Carmel biex jehduh ghal aktar stharrig, imma qabel kellhom jghaddu l-ex Mushroom Factory gewwa l-Imtarfa. Meta kienu fit-triq Renald Barbara, li gharaf fl-awla, ma xtaqx jghaddi mir-Rabat biex ma jarawhx in-nies, u PC 944 qallu li kienet diskrezzjoni tal-Pulizija minn fejn jghaddu. Renald beda jidghi u jghajjar lil PC 944 li huwa kelb u beda jheddu. Hu wissieh biex jieqaf imma l-imputat injora din l-ordni biex ma jheddidx lil PC 944, izda l-imputat wiegeb li hekk ried li jheddu. Baqghu sejrin bih is-CID yard fejn l-iSpettur Mercieca tah is-solita twissija u dritt tal-avukat li l-imputat irrinunzja ghalih. Ix-xhud pprezenta rapport mmarkat bhala Dok GP1. [13]

Illi xehed PS1392 Kevin Buhagiar[14] fejn qal illi kien gie nnominat bhala Scene of Crime Officer mill-Magistrat Aaron Bugeja fil-kaz dwar sejba t'oggetti allegatament misruqa li nstabu f'dik li kienet il-fabbrika tal-mushrooms, gewwa Rabat. Ix-xhud pprezenta r-relazzjoni tieghu li jinkludu tlett faxxikoli Fotografici li jikkontjenu 380 ritratt li gie immarkat bhala Dok KB1 [15].

Illi fit-3 ta' Dicembru 2015 xehdet WPS 254 Janice Giordmaina[16] fejn qalet illi fis-27 ta' Jannar 2015, waqt illi kienet xoghol l-ghassa tar-Rabat, giet infurmata li kien hemm sgass fil-Magpie Kiosk li kien jinsab fid-ditch tal-Imdina. Marret fuq il-post u sabu li l-katnazz mal-grada tal-hadid, kien imtajjar u s-sid qalilhom li kien hemm il-magna tas-sigaretti li kienet fuq barra nieqsa. Ghamlu kuntatt mas-sid tal-magna tas-sigaretti li tahom l-ammont li kien mnizzel fir-rapport, u nfurmat lill-iSpettur Sarah Magri.

[11] Fol. 88
[12] Fol. 91
[13] Fol. 94
[14] Fol. 96
[15] Fol. 96
[16] Fol. 105

Fit-2 ta' Frar 2015, gew infurmati minn persuna maskili b'mod annominu, illi fl-inhawi ta' Buqana kien hemm gandott u go fih kien hemm kaxxa tal-hadid li wara irrizulta li kienet kaxxa tas-sigaretti. Sar kuntatt mas-sid il-kaxxa tas-sigaretti, li gie fuq il-post u kkonferma li kienet il-kaxxa li kienet misruqa mill-kiosk. Ix-xhud ma kinitx rat il-kaxxa, imma kienet taf illi kienet vojta u kellha sgass fil-computer taghha. Ix-xhud ezebit ir-rapport li gie mmarkat bhala Dok JG1[17].

Illi xehdet Susan Catania[18] , fejn qalet illi hi tiehu hsieb fejn jigu ppustjati il-magni tal-kumpanija JCC Vending, u pprezentat zewg dokumenti mmarkati bhala Dok SC1,[19] li kienu juru li d-danni fil-vending machine kienu jammontaw ghal €2,640 ghax il-magna kienet instabet f'xi ilma gol-wied u qatt ma giet irritornatha lill-kumpanija u lanqas l-pakketti tas-sigaretti li kien fiha l-magna. Il-magna u s-sigaretti kienu tal-kumpanija u ma kienux insured ghax ebda insurance ma tkoprihom.

Illi l-iSpettur Nicholas Vella[20], xehed illi gharaf il-firma tieghu u ikkonferma bil-gurament ir-rapport tieghu li jinstab *a fol.* 10 tal-process verbal dwar serqa mill-hanut Miles fi Triq Santa Katarina, Attard.

Illi xehed Carmel Mallia[21] li huwa s-sid u jahdem bhala barman f'Magpie Kiosk li qieghed Mdina hdejn il-mina. Jiftakar illi kien ghamel rapport dakinhar li mar jiftah f'xi 9.15 ta' filghodu fis-26 tax-xahar, imma ma ftakarx liema xahar kien. Ix-xhud qal illi sab il-katnazzi sgassati u sab illi l-kaxxa tas-sigaretti ma kinitx hemm. Hu ma sofriex danni ghax il-kaxxa biss insterqet u din ma kinitx tieghu imma ta' min kien jigi jimliha.

Illi fl-14 ta' Jannar 2016 xehed Mario Micallef[22] fejn qal illi huwa direttur ta' J.N. Micallef ta' Karla Ltd, u li kellhom magna tas-sigaretti gewwa System Stationery Mosta, li minnha kienu nsterqu s-sigaretti u/jew flus bil-valur ta' €1,344.97. Hu pprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok MM1[23] li juri li JN Micallef ta' Karla Ltd soffriet telf ta' €1,344.97 tas-sigaretti ghax il-kaxxa kienet tas-Central Cigarettes Ltd.

---

[17] Fol. 107
[18] Fol. 111
[19] Fol. 114
[20] Fol. 116
[21] Fol. 118
[22] Fol. 123
[23] Fol. 129

Illi xehed Clint Bajada[24] fejn qal illi huma kienu gew infurmati li l-magna tas-sigaretti li kienet gewwa System Stationery giet misruqa. Il-magna kienet ta' British American Tobacco, u li kienet instabet wara ftit zmien imkissra f'garaxx fl-Mdina. Hu pprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok GB1[25] li juri li l-magna ma setghetx tissewwa u l-valur taghha kien ta' €1,995. Huma kienu s-sidien tal-magna ghalhekk id-danni li sofrew kienu tal-magna u ma kienux insured, izda s-sigaretti kienu tad-distributors.

Illi xehed Robert Brincat[26] rapprezentant ta' Charles Grech, fejn qal illi Martin Fedele, li kien s-sid ta' Mealy's Snack Bar ta' Attard, kien cempillu fis-7.00am biex jghidlu li l-magna tas-sigaretti taghhom kienet insterqet. Il-magna u s-sigaretti kienu taghhom, u l-filler John Paris kien ta rendikont ta' x'kien fiha l-magna. Il-financial controller tal-kumpanija, Roberto Sciberras, kien qallu li l-magna kienet tiswa €3,500 imma ma kellux stima. Huma kienu insured mal-Elmo Insurance.

Illi xehed ukoll Martin Fedele[27] fejn qal illi fis-7 ta' Frar kien mar jiftah il-hanut Mealy's Snack Bar gewwa Attard, fil-5.00am u sab it-tieqa tal-genb miftuha u mkissra u l-hanut imqalleb u sab il-magna tas-sigaretti nieqsa kif ukoll xi €400 flus li kellu fil-cash register. Il-cash register li kienet tiswa xi €650 insterqet ukoll, kif ukoll 2 pakketti sigarri li kienu jiswew €20, kellu ukoll €200 bhala hsarat. Kien irkupra xi €300 mill-SMS Insurance. Il-magna tas-sigaretti ma kinitx tieghu.

Illi fil-25 ta' Frar 2016 xehed George Stagno Navarro[28] in rapprezentenza ta' Elmo Insurance, fejn qal illi kellhom *claim* pendenti minghand Charles Grech & Company Ltd ghal €5,200, €3,500 ghal magna tas-sigaretti li kienet giet misruqa minn Mealy's Snack Bar u baqghet ma nstabitx u €1,700 ghas stock tas-sigaretti u flus.

Illi xehed Alexander Agius[29] fejn qal li hu kien s-sid ta' System Stationery and Bazaar gewwa l-Mosta, u xi sena qabel kien ghamel rapport lill-pulizija dwar serqa fejn kien sab il-magna tas-sigaretti nieqsa, li kienet il-propjeta ta' Ta Carla. Kienu nsterqulu tlett linji tal-vodafone u xi €65 fi

---

[24] Fol. 125
[25] Fol. 128
[26] Fol. 130
[27] Fol. 133
[28] Fol. 139
[29] Fol. 141

flus, u kellu hsarat ta' katnazz u hgiega mkissra. Ix-xhud qal illi hu ma kienx inxurjat.

Illi xehdet WPS 313 Christine Bonnici[30] fejn qalet illi fl-1 ta' Frar 2015, waqt illi kienet xoghol ta' bil-lejl fl-ghassa tar-Rabat, kien avvicinaha persuna li xtaqet tibqa' annomina, u din infurmatha illi l-vettura bin-numru KEL-196 kienet qieghda tintuza ghas-serq. Meta ghamlet il-verifiki, sabet illi din il-vettura kienet Ssangyong ta' kulur silver u kellha l-licenzja skaduta. Hi marret mal-Pulizija li kienu xoghol jaghmlu ronda lejn l-Imtarfa, fejn raw karrozza Silver Ssangyong ghaddejja fid-direzzjoni opposta li gibdet lejn Triq il-Ferrovija. Huma dawru u marru jfittxu f'dawk l-akkwati u raw fence bid-drapp ahdar magenb l-istazzjon, u nnutaw karrozza bin-numru KEL-196 ipparkjata. Kien hemm hafna dlam u ghalhekk marru mal-RIU fit-3 ta' Frar 2015. Il-post kien l-ex Mushroom Factory izda l-karrozza ma kinitx ghadha hemm. Fl-ewwel kamra sabu computers, saqqu u heater u fit-tieni kamra li kienet msakkra bil-katnazz, u li kellha tigi sgassata mill-RIU, fiha instabu heater tal-gas li kienet mixghula, sodda, sufan, microwave li go fiha kien hemm l-ikel u riferta ta' Renald Barbara. Membri tal-RIU marru jaghmlu spezzjoni gol-mina li kien hemm li tghaddi minn taht l-Imdina u tibqa' sejra sas-Saqqajja fejn raw passi friski izda ma nstab xejn. Ix-xhud ezebit rapport li gie mmarkat bhala Dok CB1[31].

Illi xehed Roberto Sciberras[32] li huwa l-Financial Controller ta' Charles Grech Co Ltd. Ix-xhud qal illi l-kollega tieghu Robert Brincat kien cempillu is-Sibt filghodu, biex jghidlu li kienet insterqet il-magna tas-sigaretti taghhom minn Mealy's Snack Bar gewwa Attard. Din il-magna tiswa madwar €2,000 ghalkemm ma kienx cert, imma kien jemmen li l-valur kien taht l-€2,300. Is-sigaretti li kien jkun fiha l-magna kienet tal-kumpanija ukoll u kien jiehu hsieb jimliha John Paris.

Illi xehed John Paris[33] fejn qal illi hu kien jahdem ma' Charles Grech u xoghlu kien li jimla l-magni tas-sigaretti. Kull magna jkollha bhala float €95.50 u xi 500 pakkett sigaretti bil-valur ta' €5 li jammontaw ghal €2,000. Ix-xhud ikkonferma illi l-valur ma kienx jaqbez l-€2,300.

30 Fol. 143
31 Fol. 148
32 Fol. 145
33 Fol. 151

Illi xehed PS 855 Malcolm Buttigieg[34] fejn qal illi fit-30 ta' Jannar 2015, kien infurmat illi kien hemm serqa minn go razzett wara li kien hemm sgass fil-bieb u kienu nsterqu oggetti fosthom pompa tal-ilma, pompa tal-bexx, pompa tal-ilma submersible, kuccarini u skieken, kaxxa tal-ghodda, cilindru tal-gas u trimmer tal-haxix, Ix-xhud ipprezenta kopja tar-rapport mmarkat bhala Dok MB1[35].

Illi fit-12 ta' Mejju 2016 xehed Anthony Tanti[36] fejn qal illi hu kien ghadda d-dokumenti kollha in konnesjoni mal-vettura KEL 196 li kien biegh lil Renald Barbara lill-iSpettur tar-Rabat. Il-vettura illum kienet f'idejn il-Pulizija.

Illi xehed PS 180 Fabian Aquilina[37] fejn qal illi d-dokument li jinsab *a fol.* 48 tal-process hija dikjarazzjoni ta' Renald Barbara li ffirma fit-22 ta' Frar 2015 fl-10.25, wara li kien inghata d-dritt li jikkonsulta m'avukat. Id-dokument kien iffirmat ukoll mix-xhud stess, mill-iSpettur u minn PS1243.

Illi xehed PC1135 Donatello Cortis[38] stazzjonat CID, fejn ikkonferma illi d-dokument *a fol.* 42 tal-process kien ir-rifjut tal-parir tal-avukat li kien iffirma Renald Barbara fil-prezenza tieghu, fejn gharaf ukoll il-firma tieghu stess u tal-iSpettur Mercieca.

Illi fit-22 ta' Gunju 2016 xehed l-iSpettur Joseph Mercieca[39] fejn qal illi fis-7 ta' Frar 2015, ghal habta tal-5.00am, Martin Fedele kien informa lill-Pulizija illi meta mar jiftah il-hanut Mealy's Snack Bar gewwa Attard, sab tieqa sgassata u magna tas-sigaretti ta' Charles Grech & Co Ltd nieqsa, xi €400 mill-cash register u xi sigarri. Il-persuna/i kienu dahlu mit-tieqa li kienet gholja metru u nofs u hargu l-magna mit-tieqa ghax il-bieb kien ghadu intatt. Kienet instabet xi marka ta' zarbun u ma kien hemm ebda cameras. Ix-xhud qal illi kienu kelmu lil Robert Vella ta' Charles Grech, li kien qal illi l-magna kienet tiswa madwar €3,500 filwaqt illi l-kontenut kien jiswa madwar €1,700. Mill-bidu tas-sena 2005 sakemm saret din is-serqa, kien hemm numru ta' serqiet minn stabbilimenti fl-inhawi centrali ta' Malta fosthom Magic Kiosk tal-Mdina fis-27 ta' Jannar 2015, fejn il-valur tal-magna kienet €1,800 u l-kontenut €935, fit-3 ta' Frar 2015 minn

[34] Fol. 153
[35] Fol. 154
[36] Fol. 164
[37] Fol. 166
[38] Fol. 168
[39] Fol. 174

System Stationery & Bazaar tal-Mosta fejn insterqet ukoll kaxxa tas-sigaretti li kienet tiswa €1,995 u l-kontenut kien jiswa € 1,344.87. Fl-1 ta' Frar 2015 il-Pulizija gew infurmati b'mod anominu li kien hemm vettura bin-numru KEL196 li kienet involuta f'sensiela ta' serqiet, izda kienet hadet hsieb l-iSpettur Edel Camilleri. Il-karozza kienet giet misjuba fl-ex Mushroom Factory gewwa Ghajn Hammiem. Il-Pulizija tad-distrett kienu dahlu jiccekjaw il-post fit-3 ta' Frar 2015, fejn instabu diversi oggeti misruqa, li wara gew identifikati mis-sidien. Fil-post ma nstab hadd ghax kien hemm xi nies li lahqu harbu minn mina li kien hemm. Irrizulta li l-farm kien okkupat minn Anton Agius u l-imputat Renald Barbara li gharaf fl-awla. Dawn iz-zewg persuni, kienu t-tnejn maghrufa mill-Pulizija u gew arrestati mill-iSpettur Camilleri. Fis-16 ta' Frar 2015, Renald Barbara, l-imputat, kien arrestat waqt illi kien qieghed jsuq il-vettura bin-numru KEL196 u s-'slipper' li kien liebes, kien jaqbel mal-marka taz-zarbun li nstabet fuq il-banketta f'Mealy's Snackbar, u meta gie mgharraf b'dan, il-Magistrat Inkwirenti kien hatar lil Joseph Mallia biex jaghmel ezami komparattiv. L-imputat kien gie interrogat dwar l-erba' serqiet u kienet ittiehdet stqarrija fl-20 ta' Frar 2015, li tinsab *a fol.* 43, wara li l-imputat kien irilaxxat minn Mount Carmel fejn kien ghal kura minhabba abuzz tad-droga, fejn l-imputat ghazel li jibqa' sieket wara li kien iffirma r-rifjut biex jikkonsulta mal-avukat li tinsab *a fol.* 48. Ix-xhud kompla jghid li ghalkemm l-imputat wera li xtaq jaghmel xi haga biex jindirizza l-problema tad-droga, u kien ta lix-xhud xi informazzjoni dwar traffikar tad-droga, li x-xhud kien ghada lill-iSpettur Adrian Micallef. Kienet ittiehdet stqarrija ohra ta' l-imputat fit-12 ta' Mejju 2015, fuq l-istess kazijiet fejn ukoll l-imputat kien baqa' sieket u din l-istqarrija tinsab *a fol.* 39. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu stess, ta' l-iSpettur Edel Camilleri, ta' PC135 u tal-imputat wara li dan kien irrifjuta li jikkonsulta m'Avukat u ffirma r-rinunzja li tinsab *a fol.* 47, fejn ix-xhud gharaf ukoll il-firem.

Illi fit-28 ta' Lulju 2016 xehed Kenneth Xuereb[40] li huwa foreman ma' l-Enemalta fid-distrett ta' Birkirkara. Hu kien intalab jaghmel inspection mal-Ingineer Martin Micallef gewwa l-ex Chadwick Mushrooms fejn hadu xi ritratti u x-xhudipprezenta 12-il ritratt u rapport maghmul minnu li gew mmarkati bhala Dok KX1[41]. Ghalkemm kien jidher illi l-meter tad-dawl kien wieqaf, kien hemm is-servizz tad-dawl f'kamra minnhom, allura kien jidher li kien hemm bypass minn fuq il-kurrent u beda jintuza

[40] Fol .184
[41] Fol. 188

d-dawl, fejn kien hemm ukoll is-sigilli neqsin. Il-meter inqala dakinhar stess mill-Forensika.

Illi fis-6 t'Ottubru 2016 xehdu il-Perit Richard Aquilina[42] li ezebixxa vera kopja tar-relazzjoni tieghu[43] tal-mushroom factory, inkluza l-parti h*and written* li kienet giet mhassra bil-likwidu li kien waqa' fuqu.

Illi Dr Marisa Cassar xehdet[44] b'referenza ghar-relazzjoni taghha *a fol.* 76 *et seq* tal-process, hi kienet ghamlet diversi analizzi u hargu profiles ta' zewg irgiel li huma tajbin ghal komparazzjoni.

Illi Martin Micallef xehed[45] illi hu Engineer mal-Enemalta u kienu ghajtulhom mill-ghassa tar-Rabat, fejn dawn sabu li kien qieghed jinsteraq id-dawl mill-ex Chadwich Factory, ghax kienu qeghdin jintuzaw xi appliances u kien hemm konsum mhux registrat, ghax kien qieghed ibriggjat. Sid il-post kien ghadu ma nehhiex l-meter, u d-dawl ma kienx gie sospiz min-naha taghhom. Ix-xhud ma kienx jaf kemm kien il-konsum li ma kienx gie registrat.

Illi rega xehed l-iSpettur Joseph Mercieca fejn ipprezenta zewg sentenzi fil-konfront ta' Renald Barbara wahda deciza mill-Magistrat Anthony Micallef Trigona fid-29 ta' Awissu 2012 immarkata bhal Dok JM1[46] u ohra mill-Qorti tal-Appell deciza mill-iMhallef Michael Mallia fit-28 ta' Novembru 2013 immarkata bhala JM2[47].

Illi fl-10 ta' Novembru 2016 xehed Dr Martin Bajada[48] li kien gie nnominat mill-Magistrat Dr. Aaron Bugeja fit-3 ta' Frar 2015, sabiex johrog il-kontenut minn diversi apparat elettroniku li nstab fl-ex mushroom factory, Mtarfa. Fir-rapport mmarkat bhala Dok MB1[49] hemm il-lista tal-oggetti li gabar u dettalji ta' min hu abbonat, li ittiehdu mid-decoders tal-go mobile, u certu mobiles.

Illi Dr Nathalie Zahra xehdet[50] fejn qalet illi fid-29 ta' Lulju, hi gabret zewg rapporti tal-forensika, wiehed tas-sejba t'oggetti allegat misruqa fl-ex mushroom farm, fejn kien hemm zewg envelopes wiehed b'29m lifters u

[42] Fol. 203
[43] Fol. 205
[44] Fol. 230
[45] Fol. 232
[46] Fol. 237
[47] Fol. 239
[48] Fol. 250
[49] Fol. 252
[50] Fol. 304

l-iehor 10 lifters. It-tieni rapport kien ta' serqa minn Mealy's Snack Bar fejn kien hemm envelope b'2 lifters, li kienet qieghda tirritornhom. Hi kienet elevat l-impronti digitali ta' Renald Barbara fis-6 ta' Ottubru 2016 u ghamlet ezami komparattiv tal-impronti digitali ta' Renald Barbara ma' dawn il-lifters kollha u qeghdin fir-rapport immarkat NZ1,[51] fejn ikkonkludiet illi kien hemm diversi impronti li ttiehdu mill-ex mushroom farm li qablu ma' dawk ta' Renald Barbara, izda fis-serqa ta' Mealy's snack bar iz-zewg lifters ma kienux tajbin ghal fini ta' komparazzjoni.

Illi PS 612 Theo Vella[52] xehed fejn qal illi fis-27 ta' Jannar 2015 kien gie nfurmat li kienet saret serqa gewwa l-fond Magpie Kiosk Mdina u kien mar fuq il-post bhala Scene of Crime Officer, fejn kien ha ritratti u ghamel ezami ghall-impronti digitali li kienu fin-negattiv. Ix-xhud pprezenta sett ritratti li kien ha u li gew mmarkati bhala Dok TV1[53].

Illi xehdet Dr Marisa Cassar [54] fejn qalet illi kienet gabret kampjun orali ta' Renald Barbara, u kellha estenzjoni biex taghmel komparazzjoni mal-profil genetiku meta ghamlet l-ewwel rapport. Fl-ewwel rapport kien hemm profil genetiku ta' zewg persuni u wiehed minnhom qabel ma' Renald Barbara, u dan minn diversi oggetti fosthom sigaretti u siringi li huma indikati fir-rapport mmarkat bhala Dok MC1[55].

Illi xehed PC 926 Lawrence Azzopardi[56] fejn gie muri rapport *a fol.* 80 immarkat LS1, fejn ix-xhud qal illi hu kien xufier ma' PS 1074 Luke Stivala, fejn kienu marru fuq il-post f'Main Street u sabu 'shutter' mgholli u hgieg tal-bieb mkisser u magna tas-sigaretti nieqsa, imma hu ma kienx involut fl-investigazzjoni bl-ebda mod.

Illi xehed PS 122 Arthur Borg[57], fejn qal illi fit-2 ta' Frar 2015, gie msejjah mill-iSpettur Sarah Magri li qaltlu li kienet instabet magna tas-sigaretti sgassata u mormija gewwa l-akwadotti Rabat. Ix-xhud ipprezenta r-ritratti li kien ha mmarkati bhal Dok AB1[58].

Illi xehed Michael Buttigieg[59], fejn qal illi huwa Professional Executive ta' l-Enemalta. Ix-xhud qal li l-istima tal-konsum mhux registrat huwa ta'

[51] Fol .307 et seq
[52] Fol. 374
[53] Fol. 377
[54] Fol. 378
[55] Fol. 380
[56] Fol. 390
[57] Fol. 401
[58] Fol. 404
[59] Fol. 412

€6,191.65 u li hemm penali ta' €12,532.31 u VAT ta' €309, li l-ammont globali huwa ta' €19,979.31, bejn 3 ta' Frar 2010 sa 3 ta' Frar 2015 ghax normalment jmorru hames snin lura, liema stima giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok MB1 u MB2[60]. Ix-xhud qal illi mhux stabbilit kemm kien ilu jsir uzu tal-elettriku. Il-penali huma d-doppju tal-konsum mhux registrat plus 140 tal-disconnection charge, skond il-ligi tal-ESR (electrical supply regulation) u dik ukoll hija l-prassi.

Ill WPS 145 Graziella Zammit[61] xehdet illi fit-2 ta' Frar 2015 f'xi 7.30am, waqt illi kienet xoghol l-ghassa tar-Rabat irceviet telefonata minn persuna maskili li xtaq jibqa' anonimu. Hu qal illi fi Triq Buqana kien hemm kaxxa tal-hadid. Ix-xhud marret mal-kollega taghha PC57 fit-triq indikata, u sabu gandott u kien hemm magna tas-sigaretti forma ta' kaxxa miftuha u sgassata u mormija hemmhekk. Huma kkontatjaw lill-kumpanija, u mis-serial number gew infurmati li din kienet ta' Magpie Kiosk ta' Lorenzo Ditch Mdina. Ix-xhud qalet illi hi ma ccekjatx jekk kienx hemm rapport min-naha tal-Magpie kiosk. Ir-rapport sar minn WPS254 u hi ghamlet update. Ir-rapport gie esebit bhala Dok GS1[62].

Illi xehed PS57 Matthew Buhagiar[63] fejn qal illi fit-2 ta' Frar 2015 f'xi 7.30am ircevew telefonata fl-ghassa tar-Rabat minn persuna maskili li ried jibqa' anominu li rraporta illi kien hemm kaxxa tal-hadid hdejn Triq Buqana. Hu mar mas-Surgent 145, u minn aktar stharrig irrizulta illi s-serial number kien jaqbel mal-magna li kien insterqet minn Magpie Kiosk. Thalla RPC2132 u tkompla l-istharrig mis-Surgent 254 u tal-forensika.

Illi fit-23 ta' Frar 2017, l-iSpettur Edel Mary Camilleri[64] xehdet u qalet illi fl-1 ta' Frar 2015 kienet dahlet informazzjoni fl-ghassa tar-Rabat li kien hemm attivita' suspettuza permess ta' vettura griza Ssangyong bin-numru KEL-196, fl-inhawi ta' Ghajn Hamiem, Rabat, li tigi qalb l-ghelieqi taht l-Mdina. Il-Pulizija bdew jaghmlu tfittix ghal-karozza sakemm fl-1 ta' Frar 2015 raw il-vettura ghaddejja, imma ma setghux jaraw min kien qieghed jsuq u tilfuha. Huma marru vicin l-ex fabbrika tal-mushrooms, li kien ukoll maghruf bhala Chadwick Factory, fejn innutaw rukkett ghadu gdid kif ukoll xi twieqi u bibien biz-zingu jleqq qisu maghmul ricenti. Ghamlu indagini u sabu li din kienet gestita minn Saviour Gauci imma kellu problemi u kien hadhielu l-gvern snin qabel. Ghalhekk fit-3 ta' Frar

60 Fol. 415 et seq
61 Fol. 418
62 Fol. 421
63 Fol. 425
64 Fol. 431

2015, marru ma' membri tal-RIU biex jaghmlu inspection fuq il-post. Irnexxielhom jidhlu mill-fence, minn fejn kienet imqatta' c-'chicken wire', u x'hin dahhlu raw kaxxa tal-vending machine tas-sigaretti f'kamra minnhom ma' l-art, nofsha zarmata u ghodda li tintuza biex izzarma l-oggetti, kif ukoll diversi oggetti bhal kompjuters antiki li wara irrizulta li kienu mormijin u printers. Qalghu l-bieb taz-zingu u sabu kamra li kienet tidher illi kienet abitata ghax kien hemm toast li kienet ghadha tahraq u kitla bil-mishun. Kien hemm tapit u skrivanija u siggijiet, ghamara, dustbin u microwave ghalkemm kien post abbandunat. Ix-xhud qalet illi ssuspettat illi l-oggetti seta' kienu misruqa u seta' kien hemm uzu tad-droga ghax kien hemm ukoll siringi mal-art. L-oggetti gew elevati, flimkien mad-dokumenti li nstabu mwahhlin ma' noticeboard, li fosthom kien hemm stqarrija tal-imputat li sar mill-iSpettur Nikolai Sant, santa, rcevuta tal-Lidl u kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tal-imputat li gew ipprezentati u mmarkati bhala Dok EMC1[65]. Ix-xhud qalet illi bdew jaghmlu l-verifiki mal-Lidl biex jaraw kellhomx filmat tal-hin indikat fl-ircevuta, izda din kienet thassret u ghamlu verifiki mal-ironmongers fil-vicin biex jaraw jekk xi hadd kienx mar ricenti jixtri z-zingu. Kiem hemm persuna li xtaqet tibqa' anomina li ndikalhom illi Renald Barbara u Antoine Agius kienu ricentament xtraw xi zingu. Kien hemm ukoll minn naha ta' wara, kien hemm wire tad-dawl nizel mill-pole ghal-kamra, u ghalhekk kellha suspett li seta' kien hemm is-serq tad-dawl. Membri tas-SOCO elevaw il-fingerprints u ttiehdu r-ritratti u l-oggetti ttiehdu d-Depot bhala parti mill-inkjesta taht il-Magistrat Dr. Aaron Bugeja. Mill-istharrig li ghamlet, irrizzultalha illi s-serial number tal-magna tas-sigaretti kienet taqbel ma' dak li kien insteraq xi jumejn qabel mill-Mealy's Snack Bar, Attard. Hi baghtet ghal vittmi tas-serq li sar f'dak il-perjodu, biex tara jaghrfux xi oggetti minn dawk li nstabu. Fil-fatt Neville Joseph Mallia gharaf diversi oggetti mir-ritratti li kienu nsterqu mill-abitazzjoni tieghu fi Trejqet Inzul ix-Xemx, Dingli fit-30 ta' Jannar 2015, li huma ukoll indikati mill-PIRS report tas-serqa bin-numru 7/Q/217/2015 u l-kitba ta' WPS 254 immarkati bhala Dok EMC2[66]. Ix-xhud kompliet tghid illi dahlet l-informazzjoni dwar il-vettura KEL 196, li kienet tghajjat lil Anthony Tanti u ghalhekk kien hemm suspett fuqu, kif ukoll xi persuni ohra li kienu qeghdin jkunu fl-inhawi. Il-karrozza nstabet mill-Pulizija fl-4 ta' Frar 2015, ipparkjata quddiem is-showroom tat-Topper u Anthony Tanti allega li kienet qieghda tintuza minn Renald Barbara f'dawn l-ahhar gimghat, imma ma kienx sar transfer, ghax kellu jixtriha Renald izda kien

[65] Fol. 448
[66] Fol. 449

hemm pagamenti pendenti. Ix-xhud kienet gabret xi dokumenti fuq din il-vettura imma ma kienux fuqha. Fis-16 ta' Frar 2015, Renald Barbara, li gharfet fl-awla, gie arrestat u nghata d-dritt tal-avukat, izda hu rrinunzja ghal dan id-dritt. L-iSpettur Nicholas Vella kien infurmah li kellhom marka taz-zarbun, u hi talbet lill-imputat biex tara z-zarbun tieghu li kien tal-istess tip ta' zarbun u l-istess qies, u ghalhekk dan gie elevat, fejn l-imputat inghata rcevuta u hu iffirmaha, liema ircevuta giet ezebita bhala Dok EMC3[67]. Fl-20 ta' Frar 2015, Renald Barbara rega' gie nterrogat minnha u mill-IiSpettur Joe Mercieca, fejn ghazel li jibqa' sieket, izda ammetta li kellu problema ta' droga. Ix-xhud gharfet l-istqarrija li tinsab *a fol.* 43 *et seq*, r-rifjut li jkellem avukat *a fol.* 48 u stqarrija ohra li ttiehdet fit-12 ta' Mejju *a fol.* 39 *et seq* u *a fol.* 42 rifjut li jkellem avukat. Fl-20 ta' Frar 2015, Renald Barbara ttiehed fl-ex mushroom factory fejn inghata d-dritt li jibqa' sieket, u fil-fatt baqa' sieket. Meta kienu fi triqthom Renald Barbara beda jargumenta ma' PC944 Godwin Caruana ghax kien ghadda minn fejn jkunu pparkjati l-karrozzini u beda jheddu. Godwin hassu offiz u peress illi huwa kuntistabbli, l-imputat ma setax jkellmu hekk, u ghalhekk titqies bhala offiza gravi u PC944 ghamel rapport bin-numru 7/Q/378 li gie ezebit u mmarkat bhal Dok EMC4[68].

Illi xehed ukoll PS826, Matthew Parnis,[69] li kien gie mitlub jaghmel ezami forensika fuq magna tas-sigaretti li nstabet ir-Rabat fit-2 ta' Frar 2015. Kien mar mal-kollega tieghu PS122, fejn il-kollega kien ha r-ritratti u hu kellu jtella marki tas-swaba. Minhabba li l-magna kienet fl-ilma ma setax jtella' ebda marka minn fuqha.

Illi fid-29 ta' Marzu 2017 xehdet Audrey Mifsud,[70] li hija Claims Manager mal-SMS Insurance, fejn qalet illi kienet saret claim minn Martin Fedele fuq serq ta' flus u hsara lill-cash register minn Mealy's Snack Bar, u huma halsu l-ammont ta' €300 ghal hsara fil-cash register li qed jigi ezebit u mmarkat bhala Dok AM1[71].

Illi PC283 Roderick Borg[72] xehed li fit-3 ta' Frar 2015, fuq informazzjoni dwar vettura bin-numru KEL-196, kien mar ma' WPS313 u PC960 u 4 pulizija ohra tal-RIU fl-ex fabbrika tal-mushrooms fejn instabu Kompjuters qodma u magna tas-sigarettti b'lieva hdejha.

---

[67] Fol. 458
[68] Fol. 460
[69] Fol. 463
[70] Fol. 468
[71] Fol. 470
[72] Fol. 471

Illi PC960 Pierre Vassallo[73] xehed, li fl-1 ta' Frar 2015, kienet dahlet informazzjoni l-ghassa tar-Rabat, li kien hemm vettura bin-numru KEL-196 mudell Ssangyong li kienet involuta f'serqiet u kienu qeghdin joqoghdu f'bini abbandunat, li wara skoprew li kien l-ex mushroom factory fejn l-istazzjon taht l-Mdina. Waqt ronda bil-lejl raw l-karrozza ghaddejja u sakemm daru ghal warajha kienu tilfuha. Lemhu l-karozza pparkjatha u maghluqa bil-gate fil-fabbrika, u fit-3 ta' Frar 2015, ix-xhud mar ma' membri tal-RIU fit-8.00am, fejn dahlu u sabu heater mixghul, ikel fil-microwave, computers u ghodda. F'dan il-post kien hemm mina twila li tinfed sas-Saqqajja. Peress illi kienu nstemghu xi ilhna, marru fil-mina, izda jekk kien hemm xi nies lahqu harbu. Fuq il-post ma sabu lil hadd u lanqas il-vettura. Sabu l-meter tad-dawl imbabas, u fuq il-post gew tal-Enemalta u kkonfermaw dan. Ix-xhud kompla jghid illi kien hemm persuna li jbiegh l-pjanci gewwa r-Rabat, li qal li Renald Barbara kien mar ma' persuna ohra jixtri l-pjanci. Impjegati li jahdmu l-Istazzjon kienu qalu li jaraw persuna twila u ohra qasira izda ma jafux min kienu.

Illi fl-4 ta' Mejju 2017 xehdet Doris Serpina[74] li hija Deputat Registratur tal-Magistrat Dr. Aaron Bugeja, fejn ezebit rapport mahluf quddiem il-Magistrat Bugeja, minn PS36 Sergio Azzopardi fl-inkjesta dwar sejba ta' oggetti allegatament misruqa f'dik li kienet Mushroom factory, Rabat mmarkat bhala Dok DS1[75].

Illi xehed PC1485 Gilbert Zammit[76] fejn qal illi kien stazzjonat in-Naxxar, u wara rapport minn Take Away go H'Attard, hu kien mar flimkien mas-Surgent 301, fejn sabu tieqa miftuha u kien hemm magna tas-sigaretti nieqsa.

Illi Neville Mallia[77] rega' xehed, fejn qal illi fir-rigward sett ritratti mmarkati KB1 u b'mod partikolari ritratti mmarkati AHC1334 u 1335 jghid illi l-oggetti li nsterqu, huma bhal dawn iz-zewg rittrati ,imma mhux cert jekk humiex huma.

Illi fil-25 ta' Lulju 2017, xehdet Nathalie Chetcuti[78] li kienet tahdem ma' System Stationary Bazaar, il-Mosta fl-2015. Fis-7.00am ta' Frar ta' xi sentejn u nofs qabel, kienet marret ghax-xoghol u sabet il-katnazz tas-

[73] Fol. 473
[74] Fol. 481
[75] Fol. 483
[76] Fol. 492
[77] Fol. 494
[78] Fol. 502

shutter nieqes. Hi hasbet li kien hemm l-imghallem, izda x'hin tellghat ix-'shutter' rat il-hgiega tal-bieb mkissra, u cemplet lill-imghallem Alexander Agius u qalilha biex tidhol ticcekja x'kien hemm nieqes u rat li l-magna tas-sigaretti kienet nieqsa.

Illi fid-19 t'Ottubru 2017, xehdet WPS 254 Janice Giordmaina,[79] li kkonfermat illi d-dikjarazzjoni li tinstab *a fol.* 449 kienet ghamlitha hi u gharfet il-firma taghha u ta' Neville Mallia izda m'gharfitx il-firma l-ohra. Ix-xhud kompliet tghid illi l-iSpettur Mary Edel Camilleri kienet qaltilha biex tibghat ghal xi nies dwar is-serq, u hi kienet baghtet ghal Neville Joseph Mallia, li mir-ritratti li gie muri kien gharaf xi oggetti li kienu insterqulu mill-kamra tieghu, u kienet saret din id-dikjarazzjoni. Hi kienet urietu r-ritratti mmarkati KB1.

Illi fil-15 ta' Marzu 2018, rega' xehed Neville Joseph Mallia[80], fejn gie muri *fol.* 449, fejn ikkonferma l-firma tieghu fuq din id-dikjarazzjoni li kien gharaf l-oggetti mir-ritratti li gie muri. Hu gharaf mannara u l-mazza li kienet tan-nannu tieghu, ghax kienet msadda u kellha shape partikolari mir-ritratti.

Illi fid-29 ta' April 2021, xehed Michael Buttigieg[81] li kien jahdem mal-Enemalta, fejn qal illi kien ilu kwazi sena li telaq u ghalhekk ma setax jixhed ghax ma kellux id-dokumenti.

Illi xehed Joseph Mallia fejn qal illi ma kellux kopja tar-rapport tieghu ghax kellu incident id-dar fejn inharqitlu d-dar izda dan ir-rapport kien gie ezebit.

Illi xehed PC944 Godwin Caruana,[82] fejn qal illi fit-3 ta' Frar 2015 kellu ordni mill-iSpettur Edel Mary Camilleri biex jiccekjaw is-CCTV fl-ex fabbrika tal-mushrooms. Xi granet wara kienu skorta ma' Renald Barbara li gharaf fl-awla, u jiftakar illi hu ried jghaddi mill-iqsar triq, u Renald Barbara ried jghaddi mill bypass ghax ma riedx jghaddi minn hdejn l-Mdina ghax kellu huh bil-karrozzin. Ix-xhud qal illi ma jiftakarx fejn kienu sejrin u lanqas il-gurnata jew il-hin ghax ma kellux notamenti.

Illi xehed PS 1243 Gorg Polidano[83], fejn qal illi fl-2014 u fl-2015 kien stazzjonat ir-Rabat, u jiftakar li kienu marru jiccekjaw il-cameras u kien

[79] Fol. 509
[80] Fol. 515
[81] Fol. 599
[82] Fol. 603
[83] Fol. 608

hemm darb ohra fejn kienu qeghdin jeskortaw lil Renald Barbara u l-imputat ma xtaqx li jghaddi mis-Saqqajja, u kien hemm battibek bejnu u l-kuntistabbli. Ma kellux notamenti fuqu, ghax ma kienx jaf li gie mharrek fuq meta kienu skorta.

Illi xehed l-iSpettur Joseph Mercieca[84] fejn qal illi mid-diversi DNAs li hargu mill-ex fabbrika tal-mushrooms, dawn indikaw illi kien hemm persuni ohra fosthom persuna femminili, fil-fatt kien gie identifikat Antoine Agius bhala persuna li ffrekwentat l-post, u peress illi dan kien post miftuh ma saret l-ebda prosekuzzjoni, izda l-persuna femminili ma gietx identifikata. Fil-kaz ta' Renald Barbara, kienu rawh hemmhekk, kien instab footprint fis-serqa tal-Mealy's, restaurant li kien jaqbel ma' tieghu imma direttament ma kienx hemm konnessjoni mal-ex fabbrika. Ix-xhud qal illi hu ma kienx involut fil-kaz fil-bidu ghax hadet hsieb l-Ispettur Edel May Camilleri. Ma jiftakarx li kien hemm xi karti li indikaw persuna femminili. Ma kienx hemm konnesjoni bejn il-fabbrika u Mealy's. Bejn il-fabbrika u Systems Stationary Bazaar kien hemm konnesjoni ghax kien hemm il-magna tas-sigaretti li instabet hemm, ghalkemm instab barra fejn kien hemm netting kien imqatta'. Mill-magna tas-sigaretti ma gewx elevati fingerprints. Ma kienx hemm konnesjoni mal-Magpie Kiosk hlief li kienet vicin. Ma kien jaf xejn dwar is-serqa tad-dawl.

Illi fit-3 ta' Gunju 2021 xehed Antoine Busuttil, fejn qal illi huwa Head of Revenue mal-Enemalta u li qieghed jixhed flok Michael Buttigieg. Hu qal illi ma kellhomx record tal-konsummn tal-fabbrika Chadwick Mushrooms ghax ma kienx hemm meter imwahhal mis-sena 2010. Mir-rapport tal-pulizija u n-nies tal-Enemalta li marru fuq il-post kien hemm direct connection mas-sistema ta' barra u peress illi ma kienx hemm meter allura ma kienx registat hela ta' dawl. Inhadmet stima fuq 18.6 units skond ir-rapport fuq hames snin minn Frar 2010 sa Frar 2015.

Illi fl-istess seduta PC 944 Godwin Caruana rega' xehed illi fl-20 ta' Frar 2015, ghal habta tal-9.50am kellhom ordni biex, imorru ghal Renald Barbara, li gharaf fl-awla, gewwa Mount Carmel u jiehduh biex jitkellem mieghu l-iSpettur gewwa Floriana. Meta kienu fit-triq, is-Surgent ircieva telefonata biex jiehdu lil Renald l-ex fabbrika tal-mushrooms Mtarfa, u ghalhekk dawwar ghar-Rabat. Renald beda jinsisti li m'ghandux ghalfejn jmur ghax jaf fejn qieghed. Huma marru fil-post u x'hin regghu telqu Renald beda jinsisti li jghaddu mill-bypass u hu qallu li huma ser jghaddu

[84] Fol. 611

mill-iqsar triq. Renald beda jidghi b'Alla u bil-Madonna u jghajjru li hu kelb, u li sewwa jghidu r-Rabtin li hu kelb, u jheddu li issa jkun jaf, u s-Surgent beda jsikktu u qallu 'issa qed theddidna'. Qallu biex jirringrazzja l-Alla li kien hemm is-Surgent ghax kieku kien jurih.

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' serq**

Dwar ir-reat ta' serq fil-kawza '**Pulizija vs Jackson Micallef'**[85] intqal:

*Illi l-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni tar-reat tas-serq. Il-Qrati taghna madanakollu fil-maggior parti tad-decizjonijiet moghtija dejjem segwew id-definizzjoni moghtija mill-Carrara li s-serq huwa "La contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro." Minn hawn johorgu hames elementi ta' dan ir-reat:*

1. *l-hekk imsejha "contrectatio" jew it-tehid ta'oggett*
2. *li huwa ta' haddiehor;*
3. *maghmula b'intenzjoni frawdolenti*
4. *minghajr il-kunsens tas-sid*
5. *animo lucrandi – bl-intenzjoni li isir xi forma ta' qliegh.*

Fil-Kawza **Pulizija vs Ludwig Bugeja** intqal is-segwenti:

*Il-Kodici Kriminali taghna, ma taghti ebda definizzjoni dwar id-delitt tas-serq, u ghalhekk, wiehed irid bilfors jaghmel referenza ghal l-awturi u ghall gurisprudenza. Carrara jiddefenixxi s-serq bhala,*

*'la contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro'*

*Il-Qrati taghna wkoll addottaw din id-definizzjoni. Fil-kaz fl-ismijiet, il- Pulizija. v. Felice, (Qorti ta' l-Appelli Kriminali 10/01/1942) il-Qorti rreteniet illi:*

*Illi, ghalkemm il-ligi taghna ma taghtix id-definizzjoni tas-serq, huwa pacifiku fid-dottrina u fil-gurispridenza li s-serq huwa l-kontrettazzjoni doluza ta' haga mobili li ghandha valur, maghmula a dannu u kontra l-volontà tas-sid bi skop li jsir minnha profitt. In bazi ghal din id-definizzjoni, biex ikun hemm id-delitt ta' serq hemm bzonn il-konkors ta' dawn l-elementi:- (a) l-impossessament tal-haga; (b) li dik il-haga tkun ta' haddiehor; (c) li dak l-impossessament isir kontra l- volontà tas-sid tal-haga; (d) id-dolo, jigifieri l-iskop li mill-haga misruqa jsir profitt.*

*It-terminu Contrettazione gej mill-kelma latina contrectatio, u jfisser illi sabiex ir-reat jigi kkonsumat, hemm bzonn illi l-oggett misruq jiccaqlaq minn postu bil-konsegwenza illi s- sid jew il-possessur ta' l-oggett jigi deprevat minn l-oggett in kwistjoni, u dan minghajr ma jkun*

[85] Numru. 42/2008 Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) Vs Jackson Micallef deciza 30 ta' Lulju 2009 per Onor. Magistrat Edwina Grima.

*ta' l-kunsens tieghu. Fil-kaz odjern, kif hareg car kemm mix-xhieda prodotta, l- affarijiet misruqa ma nstabux. Dan ifisser illi r-reat ta' serq ma giex kkunsmat, u ghalhekk wiehed minn l-elementi tas-serq huwa mankanti. Jigi rilevat li ma nstab l-ebda oggett minn dawk misruqa fis-serqiet kollha dedotti fl-akkuzi. Effettivament, jirrizulta li saret anke tfittxija fir--residenza ta'l -imputat, izda ma nstabux l-oggetti li gew misruqa.*

*Inoltre, il-contrectatio, trid tkun doluza, ossia, l-oggett irid jinsteraq bl-animu illi jitwettaq reat, ossia l-imputat ried ikun konsapevoli mill-fatt illi huwa qed jikser il-ligi. L-appellant umilment jirrileva li din il-prova hija wkoll mankanti, u fil-fatt ma ngabet ebda prova ta' dan.*

*Element iehor importanti fir-reat tas-serq, li huwa 'id- dolo', jimplika illi min ikun seraq ,irid ikun se jaghmel akkwist, profitt, jew xi tip ta' tgawdija ghalih nnifsu minn l-oggett, ossia -lukru, u dan sabiex jikkonkorru l-elementi tar-reat. Il-lukru jista' jikkosisti anki fi kwalunkwe tgawdija, pjacir jew soddisfazzjon li l-halliel jipprokura lilu nnifsu bil-haga misruqa. Dan gie kkonfermat fis-sentenza Pulizija vs James Chetcuti (Appelli Kriminali 03/04/1943).* [86]

## Provi Cirkostanzjali

Fil-Kawza **Il-Pulizija Vs. Roderick Zahra** [87]**,** il-Qorti kienet ghamlet analizzi dwar il-presumption of facts u l-provi cirkostanzjali. Fi kliem Sir Rupert Cross;

*"Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact.*[88]"

Bhala ezempju ta' prova indizzjarja li minnha wiehed jista' jigbed konkluzjoni partikolari, l-istess awtur jaghti l-ezempju tad-drawwa (habit):

*"The fact that someone was in the habit of acting in a given way is relevant to the question whether he acted in that way on the occasion into which the court is inquiring".*[89]

U fl-edizzjoni tal-2018 ta' Archbold jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt:

*"These are inferences which the court may draw from the facts which are established, but it is not obliged to draw. For example where a defendant charged with handling stolen goods is found to be in possession of those goods without any explanation, this*

[86] **Appell Nru: 130 / 2019** 28 t' April, 2022 **Il-Pulizija vs Ludwig Bugeja Mhallef Consuelo Scerri Herrera**
[87] **Appell Nru: 449 / 2021** 15 ta' Frar 2022 **il-Pulizija vs Roderick Zahra Mhallef Consuelo Scerri Herrera**
[88] Cross, R., Cross on Evidence Butterworths (London), 1979, p. 124. Ikkwotat mill-Prim Imhallef Vincent Degaetano fl-Appell Kriminali Inferjuri Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda deciz 24 ta' April, 2002: Appell Nru 228/2001
[89] ibid pg 40

*circumstantial evidence may give rise to a provisional conclusion that the defendant is the handler of those goods. In some cases a rebuttable presumption of law imposes a legal burden of proof which must be satisfied to the requisite standard of proof in order to rebut the presumption, whereas some presumptions merely impose an evidential burden. For example, the presumption that a machine was working properly may be rebutted by merely adducing evidence to the contrary: Tingle, Jacobs and Co v. Kennedy [1964] 1 W.L.R. 638. In contrast, in order to rebut the presumption, created by section 74(3) of the Police and Criminal Evidence Act 1984, that the defendant committed an offence of which he was convicted, the Court of Appeal has held that the defence must prove on the balance of probabilities that the defendant did not commit the offence: Watson [2006] EWCA Crim. 2308. Similarly, in Miell [2008] 1 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal treated s.74(3) as shifting the burden of proof onto the accused".*

Fil-kawza **Pulizija vs Abdellah Berrad**[90] il-Qorti qalet is-segwenti;

*Huwa minnu li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.*

*Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegati reati. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.*

*Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Jason Lee Borg',** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill- akkuzat mar-reati u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li huma l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil- fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis, -sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'***

*"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika."*

*Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.*

*Archbold fil-ktieb tieghu Criminal Parctice (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs R (1952) jghid:*

---

[90] Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et moghtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fid-19 ta' Mejju 2014

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."*

*Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl- ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.*

*Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.*[91]

## Ikkunsidrat

## L-ewwel (1) akkuza – Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 265, 267, 270, 278(1)(3), 279(b), 280(2), 281(a) u 18 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imputat fl-ewwel akkuza qed jigi akkuzat illi kkometta serq ta' vending machine tas-sigaretti, kif ukoll cash register, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, minn Mealy's Snack Bar f'H' Attard

Illi fix-xhieda taghha l-iSpettur Edel Mary Camilleri, qalet illi fis-16 ta' Frar 2015, Renald Barbara, l-imputat, kien arrestat waqt illi kien qieghed jsuq il-vettura bin-numru KEL196, liema vettura skond informazzjoni anonima kienet qed tintuza ghas-serq, u li din ghalkemm kienet tghajjat lil certu Anthony Tanti, dan allega li kienet qieghda tintuza' minn Renald Barbara f'dak il-perjodu, imma ma kienx sar transfer, ghax kellu jixtriha l-imputat, izda kien ghad hemm pagamenti pendenti. L-iSpettur Nicholas Vella kien informa lill-iSpettur, li kellhom marka taz-zarbun, li nstabet mis-serqa li saret minn Mealy's Snack Bar, u ghalhekk hi talbet lill-imputat biex tara z-zarbun tieghu, u dan gie elevat, u s-'slipper' li kien liebes l-imputat kien jaqbel mal-marka taz-zarbun li nstabet fuq il-banketta f'Mealy's Snackbar, f'H' Attard.

Illi mix-xhieda u mill-provi migbura jirrizulta illi minn ezami komparattiv li ghamel Joseph Mallia bhala Espert tal-Qorti, ta' l-

[91] Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et moghtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fid-19 ta' Mejju 2014

imprompti u zarbun tad-ditta Skechers li gew elevati minghand l-imputat, irrizulta li dawn kienu jaqblu fil-qies u fid-disinn.

Illi l-Qorti ghalhekk hija konvinta illi din l-akkuza fil-konfront ta' l-imputat **giet ppruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**It-tieni (2) akkuza – Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 265, 267, 270, 278(1)(3), 279(b), 280(2), 281(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi fil-lejl ta' bejn it-2 u 3 ta' Frar 2015, mill-fond *System Stationery* & *Bazaar,* fi Triq il-Kbira, Mosta ikkommetta serq ta' *cigarette vending machine*, kontenenti ghadd ta' pakketti tas-sigaretti u xi flus, xi flus kontanti mill-*cash register* u xi Vodafone top-up cards, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin.

Illi mix-xhieda moghtija u l-provi mressqa jirrizulta illi l-magna misruqa rigwardanti dan ir-reat, instabet fl-ex Chadwich Mushroom Farm, liema post l-imputat kien jiffrekwenta, stante li nstabu diversi oggetti bhal loqom ta sigaretti kif ukoll siringi uzati li kellhom id-DNA ta' l-imputat. ma dan kollu ma nstabu l-ebda impronti digitali jew DNA ta'l-imputat fuq din l-istess magna tas-sigaretti u ghalhekk ma jistax jinghad illi s-serq ta' din il-magna gie kommess mill-imputat, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma **gietx ppruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**It-tielet (3) akkuza – Artikolu 261(b)(c), 263(a), 264, 265, 267, 278(1)(2), 279(a), 280(2) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi fit-tielet (3) akkuza l-imputat qed jigi akkuzat illi bejn id-29 u t-30 ta' Jannar, 2015, mill-kumpless zghir ta' kmamar rurali fi Trejqet Inzul ix-xemx, Dingli, ikkommetta serq ta' diversi ghodod agrikoli w ghadd t'affarijiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Illi jirrizulta mix-xhieda u mill-provi mressqa illi dawn l-oggetti u ghodod misruqa minn dan il-fond instabu f'wahda mill-kmamar gewwa l-ex

Chadwich Mushroom Farm, fejn gie maghruf li kien jiffrekwenta l-imputat, liema oggetti gew identifikati mill-vittma. Il-fatt li nstab id-DNA ta' l-imputat fil-post fejn instabu l-ghodda, ma'jistghax jinghad minghajr dubju ddettat mir-raguni li dawn l-oggetti nsterqu mill-imputat, tenut kont illi l-fond huwa accessibbli ghal-kulhadd, kif ukoll irrizulta mill-provi mressqa, illi l-istess fond kien iffrekwentat minn persuna maskili ohra u persuna femminili. Ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma **gietx ppruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Ir-raba' (4) akkuza – Artikolu 261(b)(c), 263(a), 264, 265, 267, 278(1)(2), 279(b), 280(2), u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi fil-lejl ta' bejn it-26 u 27 ta' Jannar 2015, mill-fond *Magpie Kiosk* fi Triq L-Gharreqin, Mdina ikkommetta serq ta' *cigarette vending machine*, kontenenti ghadd ta' pakketti tas-sigaretti u xi flus, xi flus liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Illi l-magna misruqa f'dan ir-reat instabet fl-inhawi ta' Buqana, go gandott, fejn go fih kien hemm kaxxa tal-hadid li wara irrizulta li kienet l-kaxxa tas-sigaretti. Illi wara li sar kuntatt ma' sid il-kaxxa tas-sigaretti, dan mar fuq il-post u kkonferma li kienet il-kaxxa li kienet misruqa mill-Magpie Kiosk, Mdina.

Illi mill-provi imressqa u mix-xhieda moghtija fil-kaz odjern jirrizulta illi impronti digitali li setghu jittiehdu minn fuq din il-magna tas-sigaretti ma kienx hemm. Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma **gietx ppruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Il-hames (5) akkuza – Artikolu 261(b)(c), 263(a), 264, 265, 267, 278(1)(2), 279(a), 280(2), u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fil-hames akkuza l-imputat qed jigi akkuzat illi ikkommetta serq ta' elettriku, mill-fond ta' l-ex Chadwich Mushroom Farm, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Illi mix-xhieda moghtija minn diversi persuni u mill-provi mressqa, jidher illi ghalkemm l-imputat intlemah jiffrekwenta dan il-post, irrizulta illi kien hemm persuni ohra li kienu jiffrenkwentaw u jaghmlu uzu minn dan il-fond, u ghalhekk ma giex ippruvat minghajr dubju dettat mir-raguni, illi l-imputat kien il-persuna responsabbli ghas-serq ta' elettriku u ghalhekk din l-akkuza fil-konfront ta' l-imputat ma **gietx ippruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Is-sitt (6) akkuza – Artikolu 95 (1) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC944, Godwin Caruana, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-eskuzzjoni ta' dak iis-servizz.

Illi jirrizulta mix-xhieda moghtija specjalment dik ta' PC 944 Godwin Caruana, fejn qal illi l-imputat heddu kif ukoll qallu kliem offensiv, waqt li dan kien qed jaqdi dmiru, fejn kien qed jeskorta lill-imputat fuq struzzjonijiet li gie moghti mis-superjuri tieghu. Dan gie kkoroborat mix-xhieda ta' PS1243 George Polidano fix-xhieda tieghu moghtija fid-29 ta' Settembru 2015.

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat **giet ippruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Is-seba (7) akkuza – Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Illi l-imputat qed jigi akkuzat talli rrenda ruhu recediv, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta.**

Illi l-Prosekuzzjoni ipprezentat zewg sentenzi fil-konfront ta' Renald Barbara wahda deciza mill-Magistrat Anthony Micallef Trigona fid-29 ta' Awissu 2012 immarkata bhal Dok JM1[92] u ohra mill-Qorti tal-Appell

[92] Fol. 237

deciza mill-iMhallef Michael Mallia fit-28 ta' Novembru 2013 immarkata bhala JM2[93].

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat **giet ippruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, qed **tillibera lill-imputat mit-tieni (2), it-tielet(3), ir-raba(4) u l-hames (5) akkuza** migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat Artikoli 7, 18, 31, 49, 50, 95(1), 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 265, 267, 270, 278(1)(3), 279(b), 280(2), 281(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed ssib lill-imputat **Renald Barbara hati ta' l-ewwel (1), is-sitt (6) u s-seba (7) akkuza** migjuba fil-konfront tieghu u qed **tikkundannah ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija effettiva kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€ 2, 500).**

Illi wkoll, **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-**hati sabiex ihallas l-ammont ta' elf wiehed u tletin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€ 1031.42)** bhala spejjez relatati ma' Esperti mahtura fil-kawza odjerna.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat

[93] Fol. 239